# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/126

## tal-24 ta' Jannar 2018

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li thassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness V tar-Regolament (UE) 2016/44 jelenka l-bastimenti magħżulin mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti f'konformità mal-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2146 (2014). Dawk il-bastimenti huma soġġetti għal għadd ta' projbizzjonijiet skont dak ir-Regolament, inkluż il-projbizzjoni li jgħabbu, jittrasportaw jew iħottu żejt mhux maħdum mil-Libja u li jkollhom aċċess għall-portijiet fit-territorju tal-Unjoni.

(2) Fit-18 ta' Jannar 2018, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti emenda d-dejta ta' identifikazzjoni tal-bastiment CAPRICORN, soġġett għal miżuri restrittivi. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness V tar-Regolament (UE) 2016/44 jiġi emendat skont dan.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Jannar 2018.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

*Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija*

---

([1]) ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34.
([2]) ĠU L 12, 19.1.2016, p. 1.

*ANNESS*

L-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 huwa emendat kif ġej:

L-annotazzjoni:

"1. **Isem:** CAPRICORN

Elenkat skont il-paragrafi 10(a) u 10(b) tar-riżoluzzjoni 2146 (2014), kif estiż u mmodifikat mill-paragrafu 2 tar-riżoluzzjoni 2362 (2017) (projbizzjoni fuq it-tagħbija, it-trasport jew il-ħatt; projbizzjoni li jidħol fil-portijiet). Skont il-paragrafu 11 tar-riżoluzzjoni 2146, din l-inklużjoni ġiet imġedda mill-Kumitat fl-20 ta' Ottubru 2017 u hija valida sat-18 ta' Jannar 2018, sakemm ma tiġix itterminata mill-Kumitat skont il-paragrafu 12 tar-riżoluzzjoni 2146. Stat tal-Bandiera: mhux magħruf.

**Informazzjoni Addizzjonali**

Elenkat fil-21 ta' Lulju 2017. OMI: 8900878. Mill-21 ta' Settembru 2017, il-bastiment kien jinsab f'ibħra internazzjonali tal-Emirati Għarab Magħquda."

hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. **Isem:** CAPRICORN

Elenkat skont il-paragrafi 10(a) u 10(b) tar-riżoluzzjoni 2146 (2014), kif estiż u mmodifikat mill-paragrafu 2 tar-riżoluzzjoni 2362 (2017) (projbizzjoni fuq it-tagħbija, it-trasport jew il-ħatt; projbizzjoni li jidħol fil-portijiet). Skont il-paragrafu 11 tar-riżoluzzjoni 2146, din l-inklużjoni ġiet imġedda mill-Kumitat fit-18 ta' Jannar 2018 u hija valida sas-17 ta' April 2018, sakemm ma tiġix itterminata qabel iż-żmien mill-Kumitat skont il-paragrafu 12 tar-riżoluzzjoni 2146. Stat tal-Bandiera: mhux magħruf.

**Informazzjoni addizzjonali**

Elenkat fil-21 ta' Lulju 2017. OMI: 8900878. Mill-21 ta' Settembru 2017, il-bastiment kien jinsab f'ibħra internazzjonali 'l barra mill-Emirati Għarab Magħquda."